MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru. 526/2013

PULIZIJA
**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**ETIENNE BUTTIGIEG**
**NEIL ZAMMIT**
**BRANDON SCHIAVONE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Etienne Buttigieg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 247296 (M), l-imsemmi Neil Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 347297 (M) u l-imsemmi Brandon Schiavone detentur tal-Karta tal-Identita` numru 11499 (M).

**Akkuzati talli:**

1. Fil-lejl ta` bejn it-8 u d-9 ta` Marzu 2013 minn gewwa TRiq it-Tankijiet, Birzebbugia, ikkommettew serq ta` vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI 862 tal-marka Honda Jazz, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.27), bil-mezz, xort'ohra

tal-haga misruqa, bi vjolenza u l-hin u dan ghad-deteriment ta` Melissa Fenech jew persuni ohra;

2. Bejn it-8 u t-12 ta` Marzu 2013, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI 862 tal-marka Honda Jazz liema hsara hija ta` aktar minn mija u sittax ewro u sebgha u erbghin ewro centezmu (€116.47) u dan ghad-deteriment ta` Melissa Lora Fenech / jew persuni ohra;

3. Bejn it-8 u t-12 ta` Marzu 2013, saqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI 862 tal-marka Honda Jazz meta ma kellhomx fil-pussess taghhom licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienux koperti b'polza ta` assigurazzjoni ghall-terzi persuni;

4. Bejn it-8 u t-12 ta` Marzu2013 saqu vettura tal-ghamla Honda Jazz bin-numru ta` registrazzjoni HBI 862 f'diversi postijiet madwar Malta b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Lil Neil Zammit wahdu akkuzat:

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel reat waqt perjodu operattiv ta` conditional discharge ghal perjodu ta` sena (1) moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. D. Clarke, LL.D., datata 27 ta` Gunju 2012;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukol f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` tal-persuni hawn fuq indikati.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 262 (1) (b), 265, 267, 270, 271 (g), 279 (b), 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta` Malta u l-Artikoli 15 (1), 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat illi:**

Rigward l-imputat Etienne Buttigieg, fuq ammissjoni dina l-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tpoggieh taht Ordni ta` *Probation* ghall-perjodu ta` sentejn (2) mil-llum ai termini tal-Artikoli 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward l-imputat Brandon Schiavone, fuq ammissjoni dina l-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tpoggieh taht Ordni ta` *Probation* ghall-perjodu ta` sentejn (2) mil-llum ai termini tal-Artikoli 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Filwaqt li rigward l-imputat Neil Zammit, fuq ammissjoni dina l-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant fuq estenzjoni ta` *probation order* moghtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. D. Clarke, LL.D., tpoggieh taht Ordni ta` *Probation* ghall-perjodu ta` tlett (3) snin mil-llum ai termini tal-Artikoli 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------